# Lectio Divina

## It-2 Ħadd tal-Avvent
## Sena Ċ

*Żmien ta' stennija u kontemplazzjoni*

### Lq 3, 1-6

Wara l-Vanġelu tat-tfulija, Luqa jippreżenta l-figura u l-ministeru tal-Battista, il-leħen li jantiċipa u jħabbar il-Kelma li waslet.

- Il-Battista hu figura ta' Kristu, għax f'ħajtu u b'kelmtu xandar u għex minn qabel il-misteru ta' Kristu. Imma aktar minn hekk, Lq jippreżenta relazzjoni unika tal-Battista ma' Kristu, li tibda sa mill-ġuf ta' ommijiethom! Il-Battista hu "il-ħabib tal-għarus" (Ġw 3:29).
- Il-Battista hu figura tal-AT, li jħabbar u jistenna l-Mulej imwiegħed. Hu l-bniedem li jemmen u jilgħab ħajtu kollha fuq il-Kelma-wegħda ta' Alla, Kristu, il-Kelma-bniedem.
- Il-Battista hu figura tal-Avvent liturġiku u tal-Avvent soterjoloġiku: jistenna u jħabbar lill-Mulej li ġej. Il-Battista għalhekk hu figura ta' kull dixxiplu li hu msejjaħ jilqa' lill-Mulej f'ħajtu.
- Il-Battista hu figura tas-saċerdot (hu li ġej minn familja saċerdotali!) – dixxiplu (imsejjaħ) u profeta (mibgħut): bħala dixxiplu jiftaħ il-ħajja tiegħu għall-miġja u għall-preżenza salvifika ta' Ġesù; bħala profeta jgħin lill-komunità/lid-dixxipli l-oħra biex jgħixu l-istennija salvifika tal-Mulej Ġesù (ara Mk 3:13-14). Ma jiqafx fih innifsu, imma juri dejjem lill-Mulej: "Jeħtieġ jikber hu u niċkien jien" (Ġw 3:30).

Id-dinamika li tmexxi 'l-Battista hi marbuta ma' proċess ta' bidla-konverżjoni-tiġdid: fil-ħajja tal-Battista, l-ewwel, fl-għażla tad-deżert; it-tieni, fl-istedina li jagħmel għal min irid

jilqa' l-Mulej li ġej. Din il-bidla tfisser "tersaq lejn il-Mulej" (ara Mk 3:13). Hu biss meta l-Mulej jibdel qalbna, li aħna nistgħu nippruvaw nibdlu qalb ħaddieħor!

**[1]Fis-sena ħmistax tal-ħakma ta' Tiberju Ċesari, meta Ponzju Pilatu kien Gvernatur tal-Lhudija, Erodi Tetrarka tal-Galilija, ħuh Filippu Tetrarka tal-artijiet tal-Iturija u t-Trakonija, u Lisanja Tetrarka ta' Abileni, [2]fiż-żmien meta l-uffiċċju ta' Qassis il-Kbir kien f'idejn Anna u Kajfa,**

Il-Vanġelu ta' Luqa jagħlaq bil-mandat missjunarju universali, li jibda minn Ġerusalemm: "l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalemm" (Lq 24:47). Fil-bidu tar-rakkont tiegħu ("ibda mill-magħmudija ta' Ġwanni sa dakinhar li kien meħud minn magħna" [Atti 1:22]), Luqa jagħmel il-proċess invers: minn Ruma, *caput mundi*, għal Ġerusalemm. Il-viżjoni universali tal-ġrajja tas-salvazzjoni timmarka l-Vanġelu ta' Luqa. Din il-ħarsa universali tidwi wkoll fis-seba' persunaġġi (Lhud u mill-ġnus) imsemmija, rappreżentanti tal-"bnedmin kollha (li) jaraw is-salvazzjoni ta' Alla" (v.6).

Il-ġrajja tal-fidwa – u l-ħidma pastorali – tħaddan dejjem din id-dinamika ta' esperjenza inkarnata fi ġrajjiet, persuni u żmien. Hemm storja li ssir storja salvifika għax fiha jidħol il-Verb inkarnat. Hekk is-sejħa tagħna: għandha bidu (Ġerusalemm ta' ħajjitna), imma b'ħarsa fuq id-dinja, mixja li dejjem toħroġna 'l barra minna nfusna biex nitmexxew mill-Ispirtu ta' Alla (Atti 12:46).

**Il-Kelma tal-Mulej ġiet fuq Ġwanni bin Żakkarija,**

Il-Mulej għandu l-inizjattiva: il-Kelma tantiċipa l-leħen! Hu jsejjaħ. Hu jmexxi kollox. F'idejh il-pjan, tiegħu l-imħabba. Minkejja l-ħażen (raffigurat minn uħud mill-persunaġġi msemmija fl-istess vers, li mbagħad jerġgħu jitfaċċaw fil-kuntest tal-Passjoni!), Alla jagħmel lilu nnifsu preżenti fost il-bnedmin (l-ewwel bil-Verb inkarnat, imbagħad permezz tad-dixxiplu-profeta tiegħu) biex isalva u jxandar il-Vanġelu tal-Ħniena, għax "mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema" (Lq 5:32). Imma l-ewwel, jagħmel lilu nnifsu preżenti fil-ġrajja tiegħi. Hemmhekk isseħħ l-ewwel "salvazzjoni", l-ewwel tħabbira... li mbagħad issir vanġelu mxandar lill-oħrajn (1 Tim 1:15).

**Fid-deżert.**

Mit-Tempju f'Ġerusalemm, fejn kien iservi missieru Żakkarija u fejn seħħet it-tħabbira tat-twelid tal-Battista, Ġwanni jmur lejn id-"deżert". Hu proċess li jaqla' mill-kumdità tal-belt, mill-wens tad-dar, mis-sodisfazzjonijiet immedjati.

Id-deżert bibliku jfakkar fl-esperjenza fundamentali tal-Eżodu, il-post tal-ħelsien, tat-tisfija fit-tiġrib, tat-tiswir tal-identità, tal-għoti tal-Kelma, tal-ġlieda mad-dnub: hu ż-żmien tas-"seminarju". Hu l-passaġġ neċessarju biex wieħed jikseb l-'art imwiegħda'. Hekk jagħmel Kristu fil-bidu tal-ministeru tiegħu, u f'tant mumenti oħra meta jinqata' għalih waħda fil-kontemplazzjoni ta' Alla. Fuq kollox, id-deżert għal Kristu jsir it-tiġrib tal-passjoni u tal-mewt tiegħu, li jwassal għall-qawmien u l-glorja (ara Fil 2:8-9; Lhud 5:7ss)

Hekk jeħtieġ li nagħmel jien. Id-deżert mhux għan fih innifsu, imma l-forġa tal-identità, "għax id-deheb jippruvawh fin-nar u n-nies magħżula fil-forn tal-umiljazzjoni" (Sir 2:5). Jekk madwarna l-bliet joktru demografikament, aħna jrid ikollna l-kuraġġ li nfittxu ta' spiss id-deżert, biex inżommu ħarsitna fuq Dak li ġej, biex ma nsirux statwi tal-melħ (ara Ġen 19:26), u wkoll biex insiru sinjal profetiku għad-dinja. Jekk Alla ħalla s-sema u niżel fid-dinja biex juri t-triq għas-sema, id-dixxiplu-profeta ma jistax ma jimxix fuq l-istess passi tal-Imgħallem: "Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù..." (ara Fil 2:5ss). Hi kbira ħafna t-tentazzjoni li nsaħħnu 'post' u nħossuna komdi fih.

**[3]U ġie fl-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan, ixandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet,**

Il-Ġordan kienet il-*border*/l-għatba bejn id-deżert u l-Art Imwiegħda. Il-Ġordan tikkwalifika lill-Battista f'sens kemm ġeografiku kif ukoll teoloġiku: hija l-aħħar fost il-profeti qabel isseħħ il-Wegħda.

Il-magħmudija, jiġifieri togħdos fl-ilma (simbolu bibliku ta' mewt), tirrappreżenta l-mewt u l-qawmien, sinjal tal-ħajja l-ġdida ta' min jilqa' l-istedina tal-konverżjoni. Jekk fit-teoloġija sagramentali nitgħallmu li l-magħmudija sseħħ darba biss, il-proċess tal-mewt-qawmien hu wieħed kostanti fil-ħajja tagħna: immutu biex ngħixu. Dan iseħħ jekk inniżżlu dejjem aktar l-għeruq tagħna fi Kristu biex nagħrfu l-imħabba tiegħu u nissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa (ara Ef 3:16ss), nagħrfu l-limiti tagħna – inkluż id-dnub f'ħajjitna

(ara Rum 6:3-8) – u li l-qawwa tagħna hi mibnija fuq Kristu u mhux fuqna nfusna (ara Ef 3:20; 2 Kor 12:9-10).

**[4]kif hemm imniżżel fil-ktieb tal-profeziji ta' Isaija:**
Kif jagħmel l-istess Ġesù meta japplika għalih il-kliem ta' Isaija (ara Lq 4:17ss), il-Battista jaqra l-identità tiegħu fid-dawl tal-Kelma ta' Alla, anke jekk hawn ukoll b'xi varjazzjonijiet żgħar mit-test oriġinali tat-Tieni Isaija (ara Is 40:3-4), biex ir-riferiment issa jkun aktar dirett għal Kristu. Meta nintelqu fil-Kelma ta' Alla, meta niddawlu minnha, il-Kelma ta' Alla ssawwarna u tibnina biex inkunu kkonsagrati lil Alla (ara Atti 20:32). Għax il-Kelma mhix biss "għal-lajċi"... imma wkoll għas-saċerdoti.

**"Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu.**
L-identità tal-Battista hi msawra fi "Ktieb il-Faraġ" tad-Dewtero-Isaija li jxandar il-ħelsien lill-poplu mjassar fil-Babilonja (40:1; 48:20-21; 51:3). Kif jixhed ismu (*Yo-hanan*: Jaħweh hu ħanin), Ġwanni jxandar il-faraġ ta' Alla lill-poplu mjassar fid-dnub: qorob tmiem il-jasar, wasal il-ħelsien; id-deżert jerġa' jsir it-triq tal-fidwa, it-triq tar-"ritorn" lejn Alla (ara Lq 1:16-17.76-79).

Qabelxejn, din hi aħbar ta' ferħ u tama għalija. Fid-dgħufija u d-dnub tiegħi, jien nagħraf li jien maħbub minn Alla, li miegħi Alla juri l-ħniena bla tarf tiegħu. Hi wkoll sejħa biex niddritta, fejn hemm bżonn, il-mogħdijiet tiegħi. Iż-żmien tal-formazzjoni, dak inizjali (tas-seminarju) u dak kontinwu (fil-ħajja saċerdotali) għandu l-għan jibnina fi rġiel magħmula, biex ma nibqgħux trabi jitmexxew mir-riħ (ara Ef 4:12-15).

Fl-esperjenza tad-deżert nitgħallem nirfina widnejja biex nagħraf niddistingwi "leħen il-Maħbub" (San Ġorġ Preca) mill-ħsejjes ta' madwari, il-Leħen li jmiss mhux biss il-widna imma wkoll il-qalb (ara Ħos 2:16). Din trid tkun l-"ispeċjalizzazzjoni" tagħna: il-ħniena ta' Alla li trid issir il-kantiku tal-ministeru tagħna... għax tkun saret parti minn ħajjitna ("miserando atque eligendo"). Hemm riskju li nimtlew bl-għerf imma mhux bl-imħabba (San Franġisku Saverju). Nitgħallmuh l-għerf... imma dak tas-Salib (1 Kor 1:18ss)

Nitgħallem li jien maħtur biex, bħal Ġwanni, insir "leħen" ieħor fid-deżert tal-lum biex nakkumpanja lill-bnedmin jiltaqgħu mal-Mulej ħanin. Inħalli l-Ispirtu jiffurmani biex kull leħen-ħoss li jien intenni jkun sinjal tal-Kelma inkarnata. Bħall-Battista, jien avvent ħaj, għax imsejjaħ biex dejjem inħejji t-triq għall-Mulej li ġej.

> "Seminaries should form missionary disciples who are 'in love' with the Master, shepherds 'with the smell of the sheep', who live in their midst to bring the mercy of God to them. Hence every priest always feels that he is a disciple on a journey, constantly needing an integrated formation, understood as a continuous configuration to Christ." (RFIS, Intro, 3)

**5Kull wied jimtela, kull muntanja u għolja titbaxxa, il-mogħdijiet mgħawġa jiddrittaw, u t-triqat imħarbta jitwittew.**

F'ċertu sens, dan il-kliem jirrifletti l-azzjoni ta' Alla mħabbra fl-Antik Testment (ara S 75:8; 113:7-8; 147:6) u mxandra fil-*Magnificat*: "Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu. Hu wera l-qawwa ta' driegħu, xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom. Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, u għolla ċ-ċkejknin. Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn. Ħa ħsieb Iżrael qaddej tiegħu, għax ftakar fil-ħniena tiegħu" (Lq 1:50ss; ara 1 Piet 5:5)

Nemmen li l-Vanġelu, li 'l quddiem se nxandar bħala saċerdot, kapaċi jibdel il-ħajja tal-bnedmin. Imma bħalissa hu l-ewwel nett Vanġelu li jitħabbar lili, li għandu l-għan li jibdel lili.

**6U l-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla!"**

Sa mill-bidu tal-opra letterarju tiegħu, Lq jħabbar vanġelu universali (ara Lq 2:30-31; Tit 2:11) li jħaddan il-bnedmin kollha fl-umanità fraġli tagħhom. Din il-ħarsa universali twessa' l-qalb tiegħi biex nitgħallem inħobb bla limiti u bla xkiel, b'imħabba tassew ħielsa u gratuwita.